A.L. 180 ta' l-2001

ATT DWAR ĦWEJJEĠ TA' L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB (KAP. 231)

Regolamenti ta' l-2001 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Postijiet ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, il-Ministru tas-Saħħa, bil-parir ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Postijiet ta' l-Ikel. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2002.

2. F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra - Tifsiriet.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma taxXorb;

"materjal f'kuntatt" tfisser kull oġġett jew sustanza maħsuba biex jidħlu f'kuntatt ma' l-ikel;

"negozju ta' l-ikel" tfisser kull negozju li meta jkun qed jiġi ġestit, jitwettqu operazzjonijiet kummerċjali dwar l-ikel jew postijiet mnejn jittieħed l-ikel, inkluża l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ikel sew jekk dawn isiru għal profitt sew jekk le;

"operazzjoni kummerċjali" dwar ħwejjeġ ta' l-ikel jew materjal ta' kuntatt tfisser xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) li tbiegħ, ikollok għall-bejgħ, u toffri, tqiegħed jew tirreklama għall-bejgħ;

(b) li tikkunsinna, twassal jew isservi bħala bejgħ;

(ċ) li tipprepara għall-bejgħ jew tippreżenta, tagħmel tikketti jew issorr għall-fini ta' bejgħ;

(d) li taħżen jew tittrasporta għall-fini ta' bejgħ;

(e) li timporta jew tesporta,

u, għar-rigward ta' kull post mnejn jittieħed l-ikel, tfisser li tikseb l-ikel minn dak il-post għall-fini ta' bejgħ jew għall-finijiet li għandhom x'jaqsmu mal-bejgħ;

"post ta' l-ikel" tfisser kull fond li jintuża għall-fini ta' negozju ta' l-ikel, inkluża posta, sew jekk fi swieq fil-miftuħ jew fuq ġewwa, u vetturi, sew mobbli sew mhux;

"proprjetarju" dwar postijiet ta' l-ikel tfisser il-persuna jew il-persuni li minnhom jiġi ġestit in-negozju u tinkludi sidien u okkupanti ta' fondi, detenturi ta' liċenza għan-negozju jew il-fond, u l-persuni li jidħru fuq ir-Reġistru ta' Postijiet ta' l-Ikel, kif provdut dwarhom b'dawn ir-regolamenti;

"is-Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Reġistrazzjoni ta' postijiet ta' l-ikel.

3. (1) Ħadd ma jista' juża xi fond bħala post ta' l-ikel bil-għan ta' negozju ta' l-ikel għal tliet ijiem jew iktar, sew jekk konsekuttivi sew jekk le, f'perjodu ta' tliet ġimgħat konsekuttivi kemm-il darba dak il-post ma jkunx qabel ġie reġistrat mas-Suprintendent.

(2) Ebda post ta' l-ikel m'għandu jintuża ħlief b'konformità assoluta mal-kondizzjonijiet ta' dik ir-reġistrazzjoni jew ta' dik il-liċenza li jistgħu jiġu imposti minn żmien għal żmien mis-Suprintendent.

(3) Ir-reġistrazzjoni ta' postijiet ta' l-ikel jew ta' negozju ta' l-ikel taħt dan ir-regolament m'għandhiex teżenta lill-proprjetarju minn xi obbligazzjoni li japplika għal, u li jikseb kull liċenza jew permess neċessarji li jistgħu jkunu meħtieġa minn xi awtorità kompetenti.

Metodu ta' reġistrazzjoni.

4. (1) Ir-reġistrazzjoni għandha ssir bil-miktub fuq il-formola adatta li tinkiseb mingħand is-Suprintendent, u li tiġi debitament mimlija u ppreżentata fl-uffiċċju msemmi.

(2) Il-partikolaritajiet li jingħataw fuq il-formola ta' reġistrazzjoni m'għandhomx ikunu qarrieqa, mhux eżatti jew mhux kompleti.

5. Is-Suprintendent għandu jżomm reġistru, li jkun magħruf bħala r-Reġistru ta' Postijiet ta' l-Ikel. Reġistru ta' Postijiet ta' l-Ikel.

6. (1) Meta jkun hemm bdil fil-proprjetarju ta' negozju ta' l-ikel, il-proprjetarju l-ġdid għandu, fi żmien 28 ġurnata wara d-data tal-bidla, jagħti lis-Suprintendent dawk l-istess partikolaritajiet bħalma huma meħtieġa bir-regolament 4. Emenda ta' l-inserzjonijiet.

(2) Meta jkun hemm bdil fix-xorta tan-negozju ta' l-ikel, li l-partikolaritajiet tiegħu jkunu jinsabu fir-reġistru msemmi fir-regolament 5, il-proprjetarju ta' dak in-negozju għandu jipprovdi lis-Suprintendent b'kull partikolarità tal-bdil mhux iktar tard minn 28 ġurnata wara li tiġri.

7. Kull min jikser id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 3, 4 u 6 ta' dawn ir-regolamenti jkun ħati ta' reat taħt dan l-Att. Reati.